**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru: 128/2017 NL**

**Peter Caruana (KI 444780M) u Katia Caruana (KI 348881M)**

**Vs**

**Peter Zammit (KI 374870M)**

Illum 11 ta' Jannar 2022

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat l-avviz tas-socjeta' rikorrenti ppresentat nhar it-18 ta' Mejju 2017 fejn talbu lill-Qorti tikkundanna lil-intimat ihallsuhom is-somma ta' tmint elef u hames mitt Euro (€8500) rapprezentanti somma dovuta ghal bejgh ta' vettura tal-ghamla Ford Transit. Bl-ispejjez legali inkluz tal-ittra ufficjali bin-numru 41/17 datata 12 ta' Jannar 2017 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimat Peter Zammit, li ghalkemm tinsab a fol. 10 tal-process, ma fhijiex data, u lanqas jirrizulta li giet prezentata tramite r-Registru tal-Qorti. Madankollu, ma jidhirx li l-attur ressaq xi oggezzjoni f'dan is-sens u jidher li r-risposta kienet a konoxxenza tal-partijiet fid-data tal-ewwel seduta wara li gie notifikat il-konvenut Zammit[1].

Fir-risposta tieghu, il-konvenut jeccepixxi semplicement li t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li konsegwentement ghandhom jigu michuda.

Semghet ix-xhieda kollha u rat id-dokumenti prezentati.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat illi waqt l-udjenza tat-23 ta' Mejju 2019, il-konvenut ressaq risposta addizzjonali fejn eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili. Rat ukoll li fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2021, il-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni maghluqa u l-attur iddikjara li m'ghandux provi xi jressaq f'dak ir-rigward. Dakinhar il-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-provi kollha tal-konvenut dwar il-mertu ghall-udjenza ta-27 ta' April 2021. Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2021, il-Qorti ordnat il-provi kollha tal-konvenut bhala maghluqa

Semghet it-trattazzjoni tal-attur fid-19 ta' Ottubru 2021;

---

[1] Fol. 8 tal-process
[2] Folio 66 ta' l-atti processwali

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Provi**

Waqt il-gbir tal-provi xehed **Stephen Cachia ghan-nom ta' Transport Malta** fir-rigward tal-vettura Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni LGV-129 fejn iddikjara li din il-vettura tinsab registrata fuq Ronald Azzopardi u ilha hekk registrata mid-29 ta' Ottubru 2012. Qabel Azzopardi, il-vettura kienet fuq Paul and Rocco Gzira Limited u qabel fuq John Mary sive James Micallef.

**Mariella Aquilina**, ghan-nom ta' Paul & Rocco (Gzira) Limited, minkejja dak li xehed ir-rapprezentant ta' Transport Malta, tghid li m'ghandhom ebda record ta' din il-vettura, la li xtrawha, u lanqas li bieghuha.

**John Mary Micallef** jghid li kien hu li gab il-vettura in kwistjoni mill-Ingilterra, u li kien ghaddiha lill-attur Peter Caruana b'tpartit ma' xoghol. Hu jghid li Caruana kien qallu li bieghha lil 'Peter tat-Toyland'.

Fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2018 xehed l-attur **Peter Caruana** fejn ikkonferma li hu kien ftiehem mal-attur dwar il-bejgh tal-vettura bil-prezz ta' €9,000. L-attur jghid li minn din is-somma l-konvenut ghaddielu biss is-somma ta' €500 u li dwar dan kienet saret skrittura, miktuba mill-konvenut stess, fis-sena 2012. Jghid li ghalkemm prova jikkuntattjah qatt ma rnexxielu.

Rega' ddepona **John Mary Micallef** li ghalkemm jibqa' jishaq li hu kien iffirma l-logbook biex il-vettura tinqaleb minn fuqu ghal fuq xi hadd iehor, ma huwiex car jekk il-vettura nqalbitx favur Peter Caruana jew xi hadd iehor. Huwa jghid biss li hu kien partat il-vettura ma' Peter Caruana bhala parti mill-hlas ta' xoghol ta' bini ezegwit minn Caruana. Jghid li dwar dan kien sar kuntratt, pero' dan tal-ahhar, ma giex ezebit.

Fit-23 ta' Mejju 2019, il-konvenut ressaq risposta addizzjonali li permezz taghha eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili.

Ma tressqu ebda provi dwar din l-eccezzjoni, la da parti tal-konvenut, u lanqas da parti tal-attur.

**Ikkunsidrat**

**Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili**

Fis-sentenza **Schembri & Sons Limited vs Farrugia Brothers Gozo Transport Limited** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Gunju 2021) dik il-Qorti tghallem hekk:

> *Fl-ewwel lok jinsab ritenut illi fil-każ ta' bejgħ "bl-imnut" huma kontemplati dawk kollha, kummerċjanti jew le, li jbiegħu oġġetti ta' konsum ġjornaljier, tant lil min hu kummerċjant kemm lil min mhux. (Ara Kollez. Vol. XLV P III p 813). Dan ifisser li fl-Artikolu 2148 (b) il-liġi tagħna tipprexxindi mill-kwalita' tal-persuni u anzi ma tħarisx lejn dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tannegozjant imma tħares lejn il-vendita partikulari in kwestjoni per se (Kollez. Vol. XLVIII P II p 959); L-istess ġurisprudenza tistabbilixxi mbagħad il-kriterju distintiv fundamentali bejn bejgħ bl-imnut u bejgħ bl-ingrossa billi tafferma illi*

*fejn il-prezz reklamat huwa għall-merce destinata biex dik tiġi rivenduta jew manifatturata f'opra (Kollez. Vol. XXIII P I p 909) jew fejn wieħed ibiegħ lill-persuni li jinnegozjaw fil-merce mibjugħa u dan fi kwantita' apprezzabbli, allura lbejgħ hu wieħed bl-ingrossa ("Giuseppe Borg –vs Dr Giovanni Bonello et nomine et", Appell Civili, 22 ta' Gunju 1970). Għalhekk il-grossista "vende per lo piu' a coloro i quali commerciano della cosa comprata" mentri l-imnutant "vende per lo piu' a compratori e in piccole quantita misurata al bisogno di costoro" (Vol. XXI P III p 235). Fl-ewwel każ il kreditu hu soġġett għall-preskrizzjoni kwinkwennali stabbilita fl-Artikolu 2156 (f), fil-każ tat-tieni, għall-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar kif provvdut fl-Artikolu 2148 (b).*

Issa pero, huwa minnu wkoll li l-konvenut naqas milli jgib xi prova dwar l-artikolu 2148 (b).

F'dan is-sens il-Qorti tissottolinea li bl-emendi li gew introdotti fir-rigward tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, kien jispetta lill-konvenut li jahlef din l-eccezzjoni tieghu skond kif titlob l-istess disposizzjoni.

**L-artikolu 2160** jghid hekk:

*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa*

In kwantu l-konvenut ma tax gurament minn jeddu kif jitlob l-artikolu 2160, b'hekk l-eccezzjoni tieghu '***m'ghandhiex ikollha effett***' kif jitlob l-artikolu 2160.

Ghalhekk, l-eccezzjoni addizzjonali tal-konvenut qed tigi michuda.

**Ikkunsidrat**

Fil-mertu, din il-Qorti tqis li l-provi prodotti ftit li xejn jistghu jwasslu ghall-konvinciment morali ta' xi tezi jew ohra.

Huwa minnu li l-attur jezebixxi d-dokument li permezz tieghu jghid li Peter Zammit ikkommetta ruhu ghall-hlas tal-prezz tal-vann in kwistjoni. Madankollu, dan id-dokument la huwa datat, u lanqas l-attur ma ghazel li jingungi lil Zammit sabiex jaghmlu d-debiti domandi dwar l-istess dokument – ghazla li forsi kienet tixhet ferm aktar dawl dwar it-transazzjoni li l-attur jghid li kellu bejnu u bejn il-konvenut Zammit.

Di piu', mix-xhieda tar-rapprezentant ta' Transport Malta, u ta' John Mary Micallef, ikomplu jikbru d-dubji. Stephen Cachia ma jsemmi lil hadd mill-kontendenti. John Mary Micallef imbaghad jghid li hu jista' jikkonferma personalment biss li ffirma l-logbook ghal Peter Caruana u li ma jistax jikkonferma fuq min inqelbet il-vettura finalment.

Naturalment, huwa principju accettat li huwa l-attur li jrid jipprova t-talba tiegħu biex din tiġi milqugħa. Dan mhux biss skond id-dispost tal-**artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** izda anke skond id-dettam *onus probandi incubit qui dicit non ei qui negat* (ara l-kawzi (**Dottor Herbert Lenicker vs Joseph Camilleri**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 31 ta' Mejju 1972; u **Peter Paul Aquilina vs Paul Vella,** Appell Inf., 2 ta' Mejju 1995). Fl-ahhar sentenza hawn citata, il-Qorti tghallem li "*l-attur f'kawża ma jistax jistenna li l-Qorti tagħmel ix-xogħol tiegħu u dan l-aktar meta huwa min jallega li jrid jipprova.*" Huwa principju rassodat li l-mera possibilita' mhijiex sufficjenti biex tirradika r-responsabbilita' civili (**Frank Giordmania Medici et noe vs William Rizzo et**, (PA (NC), 28 ta' April 2004).

Proprju ghalhekk l-attur kien fid-dmir li jgib l-ahjar prova tan-natura tat-transazzjoni ta' bejnu u l-konvenut u tal-ammont li ghadu dovut. Kemm-il darba din il-prova ma tingiebx, il-Qorti jkollha tqis li l-parti attrici tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja taghha kif mehtieg u kif mistenni li jsir.

Naturalment, l-attur f'kawza ma ghandux jistenna li l-Qorti temmnu f'kollox meta l-allegazzjonijiet tieghu huma kategorikament respinti mill-konvenut. Huwa nuqqas tal-attur li jressaq l-ahjar prova (skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta**) u li din il-prova tkun wahda konkreta ta' dak li qed jallega (ara wkoll **Adam Bugeja vs Charles Falzon et**, PA (JA), 23 ta' Ottubru 2013).

Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet. Imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet (**Eucaristo Zammit vs Eustrachio Petrococchino**, Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**, Appell, 5 ta' Marzu 1986). Meta mbaghad dik ic-certezza ma tirrizultax a bazi tal-preponderanza tal-provi migjuba fil-kawza, mel'allura l-gudikant isib ruhu jdejh marbuta li japplika il-principju tal-*in dubio pro reo* u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

Din il-Qorti sejra tabbraccja dawn l-insenjamenti peress li tqis li l-attur ma rnexxilux igib dik il-prova sufficjenti biex jissoddisfa t-talbiet tieghu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, din il-Qorti taqta' din il-kawza billi, filwaqt li tichad l-eccezzjoni addizzjonali tal-konvenut Peter Zammit, tichad it-talbiet tal-attur.

Peress li din il-Qorti tqis li kull parti ghandha twiegeb ghan-nuqqasijiet taghha f'din il-kawza, tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**